MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 373/1996/1

**Margaret Rose Cilia, mart Joseph Lawrence Cilia, minnu *de facto* separata, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Michael Cilia ta' 12-il sena: ID Nru 660347 (M) u dan b'digriet tal-erbatax (14) ta' Frar 1996**

**vs**

**Joseph Lawrence Cilia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi l-attrici, Margaret Rose Cilia, permezz ta' Digriet Numru wiehed-tnejn-zero-sitta/disgha-hamsa (1206/95), moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo, LL.D., nhar l-Erbgha, 6 ta' Dicembru,

1995, inghatat l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors taghha ta' nhar il-Hamis, 26 t'Ottubru, 1995, fl-ismijiet "Margaret Rose Cilia -vs- Joseph Lawrence Cilia", u fejn is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili akkordatilha wkoll il--kura u l-kustodja tal-minuri Michael, kif ukoll ordnat lill-konvenut biex fil-pendenza ta' l-proceduri tas-separazzjoni quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u quddiem din l-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla, dan ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha, is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) u ghall-minuri msemmi wkoll l-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50) pagabbli kull hmistax bil-quddiem, total ta' mitt lira Maltija (Lm100) kull hmistax bil-quddiem, fir-residenza ta' l-attrici, u cioe` fid-dar konjugali indikata bhala "Margherita", App. Nru. 1, Triq Censu Busuttil, FGURA PLA 15, u dan skond dokument hawn anness 'Dok. MRCd', li huwa kopja legali tad-Digriet Nru 1206/96 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Dicembru, 1995.

2. Illi l-kontendenti konjugi Cilia, izzewgu fil-presenza tal-Wisq Reverendu Joseph Mifsud Bonnici, Kappillan tal-Parrocca ta' l-Immakulata Koncezzjoni fil-Hamrun nhar l-4 t'April, 1976, u dan skond kif jindika l-anness dokument, u cioe` l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru ta' l-iskrizzjoni sitta-wiehed-tnejn (612) datat 5 t'April, 1976, (612/76), liema dokument qieghed jigi hawn anness bhala 'Dok. MRCd'.

3. Illi mir-relazzjonijiet intimi tal-kontendenti konjugi Cilia, nhar it-2 ta' Lulju, 1983, fl-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10.30p.m.) fl-Isptar San Luqa gewwa l-Pieta, twildilhom tifel li semmghuh Michael Louis Anthony, Victor, maghruf bhala Michael Louis, u dan skond kif jirrizulta mill-Att ta' Twelid ta' l-istess tifel li fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta, Malta, ghandu n-numru ta' l-iskrizzjoni tlieta-erbgha-erbgha-tlieta u datat 27 ta' Lulju, 1983 (3443/83), liema dokument qieghed hawn jigi anness bhala 'Dok MRCf' fl-Elenku tad-Dokumenti ma' din ic-Citazzjoni odjerna.

4. Illi, anke kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, li fiha tmienja u ghoxrin (28) faccata u tinkludi

tmienja u hamsin (58) paragrafu, il-hajja konjugali bejn il-kontendenti Cilia saret impossibbli u dan kemm minhabba l-adulterju da parti tal-konvenut skond **artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll minhabba **artikolu 40 ta’ l-istess Kodici Civili**, u cioe` li l-attrici qeghda tigi kostretta li titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenut kontra taghha, jew kontra binha Michael Louis Cilia, kif ukoll minhabba li l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg illum tkisser irremedjabbilment, u dan kif jigi ppruvat u elaborat jekk ikun hemm bzonn fil-mori ta’ din il-kawza.

5. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet legalment u fattwalment fondati, l-attrici wara li ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega skond l-**artikolu 37 tal-Kodici Civili** biex tkun tista’ tipprocedi ghal din il-kawza tal-firda flimkien mat-talbiet incidentali w ancillari, konsegwenzjali u sussegwenzjali, qeghda tintavola din il-kawza odjerna u fejn abbazi taghha hija qeghda taghmel is-segwenti talbiet.

6. Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut Joseph Lawrence Cilia jghid ghala din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex taqta', tiddeciedi, u tordna:

a. Illi l-kontendenti konjugi Cilia m'ghandhomx jigu ddikjarati mifrudin personalment permezz ta’ din is-sentenza u li b’hekk jintemm bejniethom, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu li jghixu flimkien, u dan abbazi ta’ l-**artikolu 35 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

b. Illi l-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Cilia ghandha tigi unikament imputabbli lill-konvenut Joseph Lawrence Cilia u dan minhabba l-adulterju da parti tieghu fid-dawl ta’ l-**artikolu 38 ta’ Kodici Civili**;

c. Illi l-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Cilia hija attribwibbli *in toto* a bazi ta’ l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili** fis-sens illi l-konvenut kien responsabbli minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tieghu

kontra l-attrici, kif ukoll kontra l-istess ibnu minuri MICHAEL, jew minhabba li l-hajja flimkien m’ghadhiex iktar possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment, u li ghaldaqstant l-attrici kienet kostretta li titlob formalment din il-firda, fid-dawl ta’ l-**artikolu 40 ta’ l-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

d. Illi d-dar taz-twieg li tinsab sitwata fil-fond maghruf bhala "Margherita", App. Nru. 1, Triq Censu Busuttil, Fgura PLA 15, ghandha tigi assenjata lill-attrici personalment u bhala kuratrici legalment awtorizzata biex tirrapprezenta l-interessi ta' binha minuri Michael, u li permezz t’hekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna fi zmien qasir u perentorju li l-konvenut Joseph Lawrence Cilia ghandu jallontana ruhu mid-dar taz-zwieg taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha gust li timponi;

e. Illi l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici f'isimha personalment u ghan-nom u fl-interess u in rap-prezentanza ta’ l-iben minuri Michael, dik is-somma adegwata u gusta ghall-manteniment sia ta’ l-attrici kif ukoll ta’ binha minuri, u dan fid-dawl tal-bzonnijiet taghha u skond il-mezzi ta’ l-istess konvenut, u meta jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet;

f. Illi l-attrici, skond kif diretta minn din l-Onorabbli Qorti, ghandha tigi akkordata l-kura u l-kustodja ta’ l-iben minuri Michael Cilia li llum ghandu tnax (12)-il sena, u dan fid-dawl ta’ l-iktar konsiderazzjonijiet importanti tal-gid ta’ l-istess iben minuri, u dejjem taht dawk il-provvedimenti ohra li din l-Qorti jidhrilha gust u xieraq li timponi;

Illi ghandu jigi applikat l-artikolu 48 tal-Kodici Civili fis-sens illi wara li jigi ddikjarat li l-konvenut, ir-ragel, huwa htija tal-firda bejn il-kontendenti, dan ghandu jitlef il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 633a, 825, 826 u 827 ta’ l- Kodici Civili**, kif ukoll dak kollu li jkun kiseb mill-attrici b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu, kif ukoll fid-dawl ta’ **paragrafu (c) tas-subartikolu 1 ta’ l-istess artikolu 48** ‘kull jedd ta’

parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kkonsidrata li minnha tkun hatja tal-firda' u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni guramentata dettaljata ta' l-istess attrici maghmula ma' din ic-Citazzjoni odjerna;

h. Illi l-konvenut ghandu jitlef kull dritt li b'xi mod, direttament jew indirettament, jgieghel lill-attrici, f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg, u dan fid-dawl tal-**paragrafu (d), tas-subartikolu 1, ta' l-Artikolu 48, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghandhom ikunu applikabbli, safejn possibbli, u fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-**artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi ghandu jkun applikabbli ghall-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha minuri, l-effetti kollha ta' l-**artikolu 54 ta' Kodici Civili** rigwardanti l-obbligu ta' manteniment u bil-mod dettaljat kif hemm imfisser f'dak l-**artikolu 54** dwar kif ghandu jinghata u jinghadda l-manteniment, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust, b'mod partikolari illi l-manteniment ghandu jinghata dirett lill-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha minuri mill-post tax-xoghol tal-konvenut li huwa il-Malta Drydocks, f'Ghajn Dwieli, limiti ta' Cospicua, u dan, peress li huwa opportun li dan hemm isir u specifikament ordnat fid-dawl tal-principji ta' l-istess korporazzjoni Malta Drydocks li jekk ma jkunx hemm specifikat fis-sentenza tal-Qorti, il-korporazzjoni ma tghaddix il-manteniment dirett lill-parti li tkun qeghda specifikament titolbu *proprio et nomine*;

k. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha, fid-dawl ta' **l-artikolu 55 tal-Kodici Civili**, ixxolji formalment il-komunjoni ta' l-akkwisti jew kull forma ta' komunjoni ohra skond kif specifikat f'dak l-artikolu, u dan taht dawk il-provvedimenti opportuni li a bazi ta' dak li jirritulta lil din l-Qorti, din l-istess Qorti ghandha taghti u tordna;

l. Illi ghandhom ikun applikabbli l-**artikolu 55 (a) tal-Kodici Civili** fir-rigward tad-dar taz-zwieg, u skond talba ohra precedenti maghmula mill-attrici f'din ic-citazzjoni odjerna, u dan peress il-prezenza tal-konvenut fid-dar taz-zwieg ma' l-attrici u binha minuri huma meqjusa ta' theddida kontinwa ghall-istabbilita` ta' l-istess kontendenti konjugi, u fl-interess suprem ta' l-iben minuri, dejjem taht kull provvediment opportun li din l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti;

m. Illi ghandu jkun applikat l-**artikolu 56 tal-Kodici Civili**, fid-dawl tal-kuncett tal-kura u l-kustodja u abbazi ta' talba li l-attrici ghamlet precedentement f'din ic-citazzjoni odjerna, u dan dejjem taht dawk il-provvedimenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti;

n. Illi ghandhom jigu applikabbli, dejjem fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-effetti ta' l-**artikolu 57 tal-Kodici Civili**, u dan dejjem fl-interess suprem tal-minuri u minghajr ma dawn qatt ma jkunu ta' hsara ghall-istess gid ta' l-iben minuri;

o. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-effetti kollha ta' l-**artikolu 60 tal-Kodici Civili, inkluz is-subartikolu 3 ta' l-istess artikolu** u fejn il-kontendenti Cilia ghandhom jitilfu l-jedd li jirtu lil xulxin, kif ukoll dak kollu li l-ligi taghti bhala privilegg partikolari lill-mizzewgin, dejjem taht dawk il-provvedimenti opportuni li l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li timponi;

p. Illi din l-Qorti ghandha tapplika ghal kull *buon fini* l-**artikolu 62 ta' Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, fis-sens li l-attrici trid li wara l-firda legali hija tirriverti ghall-kunjom xbubitha, u cioe` Rizzo minflok il-kunjom prezenti Cilia, u ghal kull *buon fini* l-attrici ghandha titqies b'effett immedjat li d-dikjarazzjoni indikata fl-**artikolu 62, subartikolu 1 tal-Kodici Civili** qeghda ssir permezz ta' din t-talba apposita f'dawn l-atti tal-kawza qabel is-sentenza;

q. Illi din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-kumplessita ta' dawn t-talbiet attrici, ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha generici jew partikolari, fid-dawl tat-talbiet sollevati, skond kif jidhrilha li jkun xieraq u opportun u fejn jirrigwardjaw lill-minuri fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

7. Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji, kontra l-konvenut Joseph Lawrence Cilia, inkluz il-proceduri kollha precedenti li saru qabel din il-kawza odjerna imma li huma konnessi direttament jew indirettament maghha, kontra l-istess konvenut Joseph Lawrence Cilia li minn issa Joseph Lawrence Cilia (I.D. Nru: 812850(M)), jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici minn fol 7 sa 34 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 35 sa 46 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tal-5 ta' Frar 1996 (fol 51 sa 54) u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Frar 1996 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 57 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa ma rrendiex ruhu hati ta' l-addebiti li martu qeghda tallega biex tibbaza t-talba taghha ghas-separazzjoni personali minnu skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tac-citazzjoni.

2. Illi m'hemm ebda lok ghar-raba' talba ta' attrici rigwardanti d-dar matrimonjali tal-partijiet.

3. Illi ghar-rigward tat-tifel minuri tal-partijiet ikun il-kaz li jigu salvagwardati l-ahjar interessi tat-tifel skond ir-risultanzi.

4. Illi ghar-rigward tat-talbiet l-ohrajn ta' l-attrici l-eccipjent jghid li sa fejn dawk huma marbutin mal-premessa ta' l-istess attrici illi zewgha jahti ghall-firda

minhabba r-ragunijiet li hija tallega, dawn it-talbiet huma insostenibbli.

5. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 58 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-17 ta’ Frar 1997 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Leslie Cuschieri biex jigbor il-provi u tal-24 ta’ April 1997.

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta’ Mejju 1997 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 18 sa 31).

Rat in-nota tal-attrici tas-6 ta’ Gunju 1997 fejn esebiet l-affidavit taghha (fol 33 sa 63).

Rat il-verbal tal-10 ta’ Gunju 1997.

Rat in-nota tal-attrici tal-5 ta’ Settembru 1997 fejn esebiet l-affidavit ta’ Mary Muscat Cristina (fol 68 sa 77).

Rat il-verbal tas-seduti tal-4 ta’ Novembru 1997; tad-29 ta’ Jannar 1998 fejn il-Qorti bidlet l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju ghal dak ta’ espert legali; tal-14 ta’ Mejju 1998; tad-29 t’Ottubru 1998; tat-12 t’April 1999; tat-28 ta’ Mejju 1999; tad-29 ta’ Ottubru 1999; tal-5 ta’ April 2000; tat-23 ta’ Mejju 2000; tad-9 t’Ottubru 2000; tat-8 ta’ Novembru 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000; tat-13 ta’ Frar 2001; u tal-25 ta’ Gunju 2001 fejn il-Perit Legali Dr Leslie Cuschieri halef ir-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali minn fol 99 sa fol 195 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Settembru 2001 fejn l-attrici nfurmat lill-Qorti li xtaqet teskuti l-Perit Legali; tal-10 ta’ Dicembru 2001; tal-5 ta’ Frar 2002; tas-17 ta’ April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn xehed il-Perit Legali Dr Leslie Cuschieri in eskussjoni u d-

difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi wara li kull tentattiv biex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi salvat fallew, l-attrici bdiet biex tixhed billi kkonfermat id-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa mac-citazzjoni.

Illi fil-qosor, fit-28 pagna tad-Dikjarazzjoni tal-fatti taghha l-attrici tghid li hija u l-konvenut izzewgu fl-4 t'April 1976 fil-Hamrun, minn liema zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal: David li twieled fil-5 t'Awwissu 1977, u Michael li twieled fit-2 ta' Lulju 1983. Tghid li l-genituri taghha kienu emigrati l-Awstralja, u meta fl-1974 giet ghal btala f'Malta ma' ommha, hija iltaqghet mal-konvenut li jigi prim kugin taghha, ingibdu lejn xulxin u tgharrsu. Hi u ommha telqu lura lejn l-Awstralja, izda wara sena l-attrici giet lura Malta tghix ma' ohtha Dorothy mizzewga lil Anthony Valvo. Tghid li meta zzewget hija kienet ser taghlaq 29 sena u zewgha kien ftit izghar minnha, u kienu kuntenti hafna.

Illi **Margaret Rose Cilia** tispjega li sa minn qabel iz-zwieg zewgha kien jinghaqad ma' certi gruppi, u ssemmi s-Socjeta` ghall-Istudju tan-Natura, il-Grupp Arkeologiku, u l-i*Scouts* tal-Fgura. Fl-1991 hu l-attrici Louis Rizzo kellu problemi serji ta' sahha u mill-Awstralja gie jghix Malta mal-kontendenti. Fil-waqt li qabel l-1991 l-attrici kienet tattendi l-attivitajiet kollha li kienu jigu organizzati mill-ghaqdiet li kien fihom zewgha, wara li gie huha mill-Awstralja hija ma

baqghetx tattendi l-kampijiet tas-Sajf (*Summer Camps*) li kienu jorganizzaw l-i*Scouts* biex tkun tista' tiehu hsieb uliedha u huha.

Illi tghid li wara 17-il sena ta' zwieg felici, f'Lulju 1993 beda l-inkwiet meta qabel is-*Summer Camp* ta' dik is-sena zewgha gab id-dar lil certa Mary Azzopardi u spjegawlha li fl-i*Scouts* kien qed ikun hemm ghidut li kien qed ikun hemm xi haga mhux f'postha bejniethom. Kienu ddikjaraw li dan mhux minnu u staqsewha jekk toggezzjonax li dawn jippreparaw is-*Summer Camp* flimkien. L-attrici qatt ma kellha ghax tissuspetta hazin f'zewgha, u ghalhekk ma sabitx oggezzjoni li zewgha u din Mary jippreparaw dan il-Camp flimkien. Izda gara li din Mary bdiet iccempel spiss id-dar, u l-konvenut kien ikellimha b'vuci baxxa biex ma jinstemax, u din il-haga baqghet tkarkar zmien twil.

Illi l-konvenut u Mary Azzopardi kienu ser iwaqqfu l-fergha ta' l-i*Scouts* ta' Haz Zabbar flimkien, izda fuq talba ta' l-attrici, il-konvenut ma kompliex dan il-progett. L-attrici talbet hekk ghax kienet saret taf li fl-i*Scouts* kienet qed issir investigazzjoni dwar dak li xi nisa fl-i*Scouts* kienu qed jghidu fuq ir-relazzjoni tal-konvenut ma' Mary Azzopardi. Fil-waqt li l-attrici kienet ghadha mhix temmen dan l-ghidut, u sahansitra gieli kienet izzomm it-tfal ta' Mary Azzopardi, certa Mary Muscat kienet qaltilha li "<u>Mary Azzopardi kienet dejjem tigri wara Joe</u>." Wara l-investigazzjoni ta' l-i*Scouts*, Mary Azzopardi intbaghtet mal-grupp il-gdid ta' Haz Zabbar, fil-waqt li wara xahrejn il-konvenut irrizenja mill-i*Scouts* tal-Fgura u inghaqad mal-grupp ta' Hal Tarxien.

Illi l-attrici tghid li Mary Azzopardi xorta baqghet iccempel id-dar, u zewgha baqa' jbaxxi l-vuci meta jkellimha, w imbaghad skopriet li din Mary kienet ukoll membru tal-Grupp Arkeologiku, u ghalhekk hi u zewgha kienu baqghu jiltaqghu. Ghalhekk l-attrici bdiet tissuspetta hazin, u cioe` li dak li kien qed jinghad kien veru. Zewgha baqa' fl-i*Scouts* u fil-Grupp Arkeologiku u ghalhekk seta' kien il-kaz li hu kien ghadu jiltaqa' ma' Mary Azzopardi. Minhabba dan, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti birdet, inbdew proceduri ta' separazzjoni, u ghalkemm il-konvenut kien qed jiddikjara kemm fis-Sekond' Awla kif ukoll permezz ta' l-avukat tieghu

li huwa ried isalva z-zwieg, l-attrici tghid li huwa m'ghamel xejn konkret biex dan iz-zwieg jigi salvat. Tghid li:

*'Jien illum nista' nghid li ma nhoss ebda affezzjoni lejn zewgi. Dak ghalija telaq minn meta dahhaltha f'rasi li bejnu u bejn Mary Azzopardi hemm xi haga. Kieku m'hemm xejn bejniethom, kieku kien ighidilha minn qabel biex titlaq...'.*

Illi l-attrici tispjega kif bil-manteniment akkordat mis-Sekond' Awla ta' Lm50 ghaliha u Lm50 kull gimghatejn ghal binhom minuri (ghax il-kbir kien diga' qed jahdem) hija kienet thallas il-bzonnijiet tad-dar, il-petrol tal-karozza, il-*loan* tad-dar mal-Lohombus Corporation, kif ukoll xi hlas ta' Lm25 kull tliet xhur ghall-*garage*. Dak iz-zmien li nfethet il-kawza hija kienet ghadha taghmel ix-xoghol kollu tad-dar li tradizzjonalment isir minn nisa, fil-waqt li dawk il-bzonnijiet tad-dar li tradizzjonalment isiru mill-irgiel zewgha ma kienx qed jaghmilhom.

Illi l-attrici terga' tibda tispjega ghaliex ir-rikonciljazzjoni ma kinetx possibbli, u fost affarijiet ohra tghid li sa ftit xhur qabel infethet din il-kawza hija rat lil zewgha iwassal lil Mary Azzopardi bil-karozza, u wara li kkonfrontatu b'dan, zewgha qalilha li billi wassalha ma kien fiha xejn hazin. Il-konvenut dejjem accetta li martu tigi mieghu kull fejn hija kienet tghidlu li trid tigi mieghu, u meta kienu jmorru fejn kienet tkun Mary Azzopardi, huwa kien jistaqsiha jekk kinetx ser tkellimha, u f'okkazzjoni minnhom anke staqsiha jekk kellhomx jaghtuha 'lift' sad-dar (paragrafu 34). L-attrici tghid li kienu qed isiru jew ma kienux qed isiru affarijiet hziena bejn zewgha u Mary Azzopardi, zewgha kellu japprezza li l-kuntatt li huwa kellu ma' Mary Azzopardi kien qed iwegga' lil martu, u minkejja dan huwa ma qatax il-kuntatt li kellu ma' din il-mara. Minkejja li fis-sentejn u aktar ta' bejn is-Sajf 1993 u l-ftuh tal-kawza l-attrici kienet bdiet taqa' fi stat ta' depressjoni minhabba t-tkissir taz-zwieg, hija tghid li zewgha m'ghamilx l-almu tieghu biex jghinha tohrog minn din il-kundizzjoni; tghid li gieli anke ikkontemplat is-suwicidju minhabba d-dwejjaq.

Illi l-attrici tghid li dwar il-problema taghha hija kienet kellmet anke lill-kappillani tal-Fgura u ta' Hal Tarxien, u

dawn kienu rrakkomandawlha li titlob lil zewgha jaqta' l-kuntatti ma' Mary Azzopardi. Zewgha kien dejjem jaccertaha li bejnu u bejn Mary ma kien hemm xejn hlief hbiberija: tghid li hu ma riedx jaqta' din il-hbiberija. Is-sitwazzjoni kienet tiggrava peress li hafna drabi meta l-konvenut johrog, l-attrici ma kenitx tkun taf fejn mar. Fl-ewwel 17-il sena ta' zwieg, il-konvenut kien juriha bil-hargiet kollha li kien ikollu, izda mbaghad ma baqa' juriha xejn aktar.

Illi l-attrici tispjega kif xi sena u nofs qabel infethet din il-kawza, wara li hija regghet skopriet li zewgha u Mary regghu iltaqghu, hija kienet kellmet lir-ragel ta' Mary Azzopardi dwar is-suspetti li kellha. Imbaghad f'Jum San Valentinu ta' l-1995 (madwar sena qabel din il-kawza) zewgha kien qalilha li kien sejjer post u minflok ratu ma' Mary Azzopardi; l-attrici cemplitilha w urietha r-rabja taghha dwar dawn l-inkontri. F'Settembru 1995 hija rat lill-istess Mary Azzopardi fil-karozza ma' zewgha go *car-park*, u meta hija bdiet tghajjat u twerzaq maghhom, it-tnejn li huma rrispondew li ma kienu qed jaghmlu xejn hazin, u anzi urew li kienu sorprizi bl-atteggament taghha.

Illi finalment l-attrici tghid li d-dar konjugali l-Appartament 1 "Margerita" Triq Censu Busuttil il-Fgura hija proprjeta` taz-zewg kontendenti; telenka l-oggetti li xtrat ghad-dar mill-flus li hija wirtet minn ghand ommha, u l-oggetti li wirtet direttament minn ghand ommha; u dan kollu kif indikati ahjar f'dokument MRCc anness mac-citazzjoni.

Illi fix-xhieda u l-kontroezami taghha, l-attrici zzid li fis-sentejn ta' qabel il-kawza u wara li nfethet il-kawza kien ikollha spiss xi tghid ma' zewgha minhabba Mary Azzopardi, u zewgha dejjem kien jinsisti li bejniethom ma kienu qed jaghmlu xejn hazin. L-attrici kienet tinforma lill-uliedhom b'dak li hija kienet tahseb fuq missierhom, u f'okkazzjoni minnhom fejn binhom (maggorenni) uza l-vjolenza fuqha, keccietu mid-dar, izda wara ftit jiem il-konvenut dahhlu lura u l-attrici hafritlu. Tghid li f'Mejju 1997 fuq id-dar kien ghad hemm dejn ta' Lm400 mal-Lohombus, u li hi kienet qed thallas Lm14 fix-xahar lill-Bank. Tghid li ghandhom karozza wahda, li jsuquha t-tnejn: l-ispejjez

taghha daqqa jhallashom il-konvenut u daqqa thallashom l-attrici, u petrol ituha t-tnejn. Tghid li l-Awstralja kienet ghamlet 14-il sena tahdem, fil-waqt li Malta hadmet biss 6 xhur qabel izzewget. Fl-1990 mietet omm l-attrici li wirtitha Lm4,000 li ntefqu kollha.

Illi **l-konvenut Joseph Lawrence Cilia** irrisponda ghal dan permezz ta' affidavit. Huwa jichad kategorikament li kellu xi relazzjoni ma' Mary Azzopardi ghajr il-komunikazzjoni li kien ikollu fil-kuntest ta' l-i*Scouts* u tal-Grupp Arkeologiku. Jghid li t-telefonati spissi ma' Mary kienu fi zmien meta Mary kellha kwistjoni mal-Group *Scout Leader* J. Tabone minhabba nuqqas ta' attendenza ta' ulied Mary. Jghid li kien ghalhekk li Mary Azzopardi marret twaqqaf il-grupp il-gdid ta' Haz Zabbar. Jispjega li huwa kien irrizenja mill-i*Scouts* tal-Fgura ghax J. Tabone kien jitkellem b'mod li jinftihem li fiz-zmien li kien imexxi l-grupp il-konvenut kollox kien sejjer hazin, u dan id-diskors kien iweggghu. Sadanittant Mary baqghet izzomm kuntatt regolari mal-konvenut biex tiehu pariri dwar it-twaqqif tal-grupp ta' l-i*Scouts* ta' Haz Zabbar. Jghid li telefonati kien jircievi minn ghand diversi nies, u mhux minn ghand Mary Azzopardi biss, u kien izomm il-vuci baxxa jew jinghalaq go kamra ghax ikun hemm it-*television* mixghul. Jghid li anke l-attrici kienet titkellem fuq it-telefon maghluqa fil-kamra tas-sodda.

Illi ghar-rigward tal-hargiet, il-konvenut jghid li c-cirkolari tal-grupp dejjem kienet tkun imdendla quddiem l-iskrivanija tieghu, u d-djarju tieghu kien ihallih fuq l-iskrivanija, u ghalhekk meta riedet martu setghet tara x'attivitajiet kien qed ikollu, u hu dejjem stedinha tghidlu meta tkun trid tigi mieghu. Jghid li hu ma jsakkar xejn izda l-attrici ssakkar il-gwardaroba. Jghid li martu ma kenitx thobb hrug avventuruz, u kienet tippreferi tara t-*television* jew tmur it-tombla m'ommha. Jghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet issib xi skuza biex fl-ahhar minuta thassar u ma tigix il-hargiet tal-grupp.

Illi l-konvenut jispjega l-incident ta' meta martu ratu ma' Mrs Azzopardi f'Jum San Valentinu fis-sens li kellhom bzonn jixtru xi *holsters* ghall-bnadar; u l-incident meta ftit qabel il-kawza martu ratu ma' Mrs Azzopardi fil-karozza fil-*car-park*

fis-sens li din kienet irrizenjat mill-Grupp Arkeologiku u gabitlu l-*files* li kellha. B'risposta ghal dak li qalet martu li huwa kien mar jara x-xemx tiela' ma' Mary Azzopardi, il-konvenut jghid li din kienet attivita` tal-Grupp Arkeologiku u lil martu kien stedinha tmur; huwa kien ghoddu nesa li kien offra li jwassal lil Mary Azzopardi, izda imbaghad ftakar u rega' lura ghaliha. Huwa kien iwassal diversi membri tal-gruppi li taghhom kien membru.

Illi l-konvenut jghid li l-attrici tigbed mill-*Joint Account* li ghandhom flimkien aktar mill-ammont akkordat lilha mis-Sekond' Awla, u hu qatt ma zammha milli tiehu dak li kellha bzonn. Jghid li meta ma kienx jirrispondi l-mistoqsijiet ta' martu fil-pront dan kien jigri ghax kien ikun ghadu kif qam fil-ghodu. Jghid li meta martu kienet tkun trid li jkollhom x'jaqsmu flimkien, huwa ma kienx icahhadha minn dan, izda imbaghad dan ma kien ifisser xejn ghaliha. Jghid li huma ma baqghux jorqdu fl-istess sodda minn wara li marret tkellem lill-avukat taghha.

Illi l-konvenut jispjega li huwa ma kienx kellem lit-tfal u lil hutu dwar il-problema li kellu ma' martu ghax hass li setghet issir hsara.

Illi jispjega l-konvenut li huwa jaghmel hafna xoghol id-dar, u anke ghal omm u oht l-attrici. Jilmenta li wara li zebagh id-dar martu qaltlu "*min qabbdek?*" u ma kenitx tapprezza dak li jsir izda tgerger fuq dak li jkun ghadu ma sarx. Jghid li mhux minnu dak li tghid martu li ghalih il-problema ta' bejniethom mhix tinkwetah: jghid li tinkwetah hafna izda huwa jzomm kalm, u meta jitlghulu, jghaddilu malajr. Jghid li martu kisret sieqha u hu ghenha. Jghid li meta martu stednitu jitkellem, huwa dejjem kien lest jitkellem, izda jekk huwa ma jaqbilx ma' martu hija kienet tibda tghajjat u taghmel l-istorbju.

Illi dwar il-fatt li huwa gieli siefer wahdu, jghid li dan kien jaghmlu jew meta kien ikollu opportunita` jsiefer b'xejn jew b'rata mnaqqsa, sew jekk fuq xoghol kif ukoll jekk tal-grupp. Jghid li lil martu kien jinformaha b'kollox dwar dak li kien jaghmel.

Illi l-konvenut jaccetta l-oggetti kif deskritti f'dokument MRCc, izda jispjega li dawn issostitwew oggetti ohra li kien hallas ghalihom hu. Jghid li hu ghamel diversi xogholijiet id-dar, u kemm huh u kemm missieru kienu ghenuh u qatt ma thallsu ta' dan.

Illi l-konvenut jibda l-konkluzjoni tieghu billi jghid:

*"... illi qatt ma kien intenzjonat minn naha tieghi li nwegga' lil marti u li gara, gara ghax kienu cirkostanzi normali ta' bejn membri fil-grupp ta' l-iScouts u f'ghaqda ta' l-Arkeologija. Jien qatt ma kelli relazzjoni intima ma' Mrs. Azzopardi u lil marti dejjem habbejtha u ghadni nhobbha avolja ghandha din l-attitudni lejja. Sfortunatament meta marti jidhrilha xi haga f'rasha hadd ma jnehhijielha, ...".*

Illi jghid li jinsab inkwetat ghal dak li jigri minn uliedhom per konsegwenza tas-separazzjoni. Jghid li kien irrizenja minn ma' l-i*Scouts* u li Mary Azzopardi kienet irrizenjat minn mal-grupp ta' l-Arkeologija kif spjega qabel. Jghid li dak li kien ihobb qieghed jitilqu bil-mod, izda hu xorta jibqa' jhobb jghaddi dak li jaf lil haddiehor. Jghid li l-flus zejda hu jonfoqhom f'kotba, u martu tonfoqhom sigaretti.

Illi jaghlaq billi jghid li huwa ghadu jittama li jirrikoncilja ma' martu u lest li joqghod ghal *counselling* biex dan isehh.

Illi ghal dan, l-attrici rrispondiet b'affidavit taghha. Izzid tghid li mhux minnu li lil Mary Azzopardi kien ikellimha fuq il-gruppi biss, ghax gieli ltaqghu barra l-grupp. Dwar it-telefonati mill-kamra tas-sodda, hija tispjega li dawn kienu jkunu jew lill-avukat taghha jew lil certa Nellie Dakin li tigi oht ir-ragel t'oht l-attrici u li kienet l-unika habiba li kellha u li ghamlet hbieb maghha f'dawk l-ahhar sentejn. It-telefon tal-kamra tas-sodda kien gie trasferit ghas-salott f'Jannar 1996 (ftit qabel saret din il-kawza) meta hija kisret sieqha. Tispjega li fil-gwardaroba kienet izzomm l-affarijiet prezzjuzi, u ghalhekk kienet issakkarha; u zewgha kien isakkar il-kxaxen ta' l-iskrivanija fejn kien izomm il-flus.

Illi l-attrici tghid li fl-ewwel 17-il sena taz-zwieg hija kienet tmur l-attivitajiet kollha ta' zewgha, hlief ghas-*Summer*

*Camps* minhabba li altrimenti kien ikollha thalli lil huha u lil binha minuri ghaxart’ ijiem wahdehom id-dar. Tammetti li gieli ssuppervjat u ma marritx il-hargiet ghaliex kien ikun ghad hemm hafna xoghol tad-dar xi jsir u zewgha ma kienx jghinha. Tkompli ticcara xi punti li kienu diga gew sjegati qabel, u tinsisti li certu manutenzjonijiet tad-dar kienu ghadhom ma sarux anke wara sena u nofs li nqalghet il-htiega taghhom. Tghid li minbarra l-laqghat tal-gruppi, zewgha kien imur jaghmel il-parati li ghalihom kien jithallas.

Illi tghid li zewgha kien mar ikellem lil Fr Samuel u Fr Zammit li kienet kellmet hi, izda hija rat li dak li wieghed li ser jaghmel (cioe` li ma jarax lil Mary Azzopardi u li jiddiskuti l-problemi taz-zwieg ma' martu) m'ghamlux. Tikkummenta dwar dak li jghid zewgha li biz-zmien ir-relazzjoni ta' bejniethom tista' tirranga, billi tghid li gialadarba fi tliet snin zewgha m'ghamilx sforz biex isalva z-zwieg, ma kienx hemm htiega li jghaddu hafna iktar snin ghax progress ma sar qatt. La ma sarx progress s'issa, ma kienx hemm tama u tghid li ma kienx ghad hemm lok ghal rikonciljazzjoni. Taghlaq billi tghid li hija tixtieq tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ma' uliedha, zewgha jsib fejn joqghod x'imkien iehor, u ssir separazzjoni bonarja.

Illi bhal ma ghamlet fit-tieni seduta, l-attrici ma' dan l-affidavit esebiet notamenti bl-Ingliz li kienet tiehu. Bazikament dawn in-notamenti jikkontjenu hsibijiet u informazzjoni bl-Ingliz li harget fl-affidavit taghha.

Illi xehdet permezz, ta' affidavit **Mary Muscat Cristina** li kienet *Leader* mal-*Cub Scouts*. Enfasizzat il-fatt li l-konvenut u Mary Azzopardi kienu jkunu wisq flimkien, speci iktar milli kien ikun hemm htiega. Tispjega li anke biex jinxtara l-hobz, flok kien imur il-konvenut wahdu kienet tmur mieghu Mary. Tghid li ghalkemm Mary Azzopardi kien ikollha t-tfal taghha maghha, gieli kienet titlaqhom biex tmur fil-grupp li fih kien hemm il-konvenut. Tghid li Mary kienu jinteressawha hafna l-affarijiet ta' l-i*Scouts*, u dejjem kienet titlob lill-konvenut biex juriha u jispjegalha. Tghid li anke f'*Day Outing* Sqallija, sew waqt il-vjagg, fuq il-*coach* u waqt l-ikel, Mary Azzopardi flok qaghdet mal-*Leaders* nisa l-ohra kienet il-hin kollu hdejn il-konvenut. Tghid li ghal din l-*outing*

Mary ma gietx liebsa adattat ghal biex tiehu hsieb il-*Cub*s, izda b'dublett dejjaq u takkuna gholja, bhal biex tidher. Tghid li fil-bidu hija kienet twassal lil Mary d-dar ghax kienet toqghod Haz Zabbar bhal Mary. Izda mbaghad kien beda jwassalha l-konvenut, u hija ma baqghetx ittiha aktar *'lifts'*. Ulied Mary kienu jsejhu lill-konvenut "*uncle Joe*" jew "*uncle Cilia*". Tghid li huma kienu rrappurtaw lill-*Association* ta' l-i*Scouts*, u tghid:

*"... dejjem flimkien, kif idur kien isib lilha ma' wiccu. Dak il-'closeness' ma kienx hemm bzonn."*

Illi hija tiddeskrivi lill-konvenut u lill-Mary Azzopardi bhala dixxiplinati hafna, li izda jirtabu meta jindirizzaw lil xulxin. Tosserva li *"Maghna, ghax mieghi wkoll kien jghajjat, pero` maghha le".*

Illi mbaghad xehedet **Carmen Pace** li qalet li hija kienet iddejqet bil-fatt li ghas-*Summer Camp* ta' xi hames snin qabel, Mary Azzopardi kienet marret ma' l-i*Scouts* (il-kbar) flok qaghdet mal-*Cub*s, kif soltu kienu jaghmlu l-*Leaders* nisa. Tghid li dejjaqha l-fatt li fejn qabel ix-xirjiet kienu jsiru minn xi hadd tal-kumitat jew tal-kcina, issa x-xirjiet bdew isiru mill-konvenut u Mary Azzopardi, li allura kienu jitilqu bil-karozza. Tghid li hija kkonsidrat l-imgieba tal-konvenut f'dak il-Camp bhala suspettuza, u kienet suspettuza wkoll il-gita ta' gurnata Sqallija fejn il-konvenut qaghad il-hin kollu hdejn Mary Azzopardi. Tghid li oltre dan kienet tisma' t-tfal tal-grupp jghidu li jaraw lil dawn it-tnejn flimkien, izda ma rat xejn izjed suspettuz.

Illi sussegwentement xehed **Joseph Tabone** li kien *Group Scout Leader* mal-fergha tal-Fgura. Jghid li meta ghal certu zmien kien inattiv, xogholu kien beda jaghmlu l-konvenut u deherlu li kien qed jaghmlu tajjeb hafna. Lill-konvenut kien diga' jafu minn fuq ix-xoghol. Dwar il-camp tal-1993, huwa kien sema’ lmenti mill-*Leaders* nisa tal-grupp fis-sens li Mary Azzopardi kellha metodi li ma kienux imdorrijin bihom, kienet tindahlilhom wisq f'xogholhom, li hi u l-konvenut kienu qed jippreparaw kollox wahedhom minghajr il-konsult maghhom, u li dawn it-tnejn kienu qed jaghtu lok ghal suspetti peress li kienu qed ikunu wisq flimkien. Jghid li din

Mary Azzopardi hija persuna li difficli tahdem maghha. Huwa ma kien irrizultalu li kien qed isir xejn hazin, u jghid li meta tharrek ghal din il-kawza kien sorpriz li sar jaf li kien hemm problemi fiz-zwieg tal-kontendenti.

Illi **l-attrici** regghet xehdet fit-12-il seduta u fost affarijiet ohra spjegat li waqt l-investigazzjoni li ghamlu l-i*Scouts* dwar zewgha u Mary Azzopardi, hija ma kienet taf xejn x'kien qed jigri, izda fl-ahhar zewgha infurmaha li ma sabu xejn irregolari. Sussegwentement xehedet in kontro-ezami fejn qalet li f'Gunju 1998 hija kienet marret tghix ma' huha Louis Rizzo, u kellhom lil binha z-zghir maghha, go flat ta' kamra tas-sodda wahda. Lil binha l-kbir ma kellhiex fejn tiehdu maghha, u huha kien qed jorqod fuq saqqu fis-salott. Tghid li kien qed ikollha appuntamenti regolari l-isptar u kienet taht kura ta' psikjatra. Huha huwa ghazeb u jbati minn paranoia skizofrenika; ghalkemm huwa kellu 44 sena, kien necessarju li hija tiehu hsiebu wkoll. Dan kien diga` ghamel zmien jghix maghhom qabel. Hija applikat ghal akkomodazzjoni alternattiva.

Illi l-attrici ma ressaqx xhieda aktar.

## <u>(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi l-perit legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet ghar-rigward tat-talbiet attrici:-

a. Sostna li ma jarax ghalxiex m'ghandhiex tintlaqa' t-talba ghas-separazzjoni personali u li l-partijiet jigu rilaxxati mill-obbligu tal-koabitazzjoni. Kien hemm kemm kien hemm talbiet da parti tal-konvenut ghal rikonciljazzjoni, din bil-fors trid issehh bil-volonta` taz-zewg partijiet, liema volonta` ma tidhirx li tissussisti da parti ta' l-attrici. Naturalment, id-dikjarazzjoni da parti tal-Qorti tas-separazzjoni personali u l-esenzjoni mill-obbligu tal-koabitazzjoni, bl-ebda mod ma jipprekludu lill-partijiet, jekk ikun il-kaz fil-futur, li jirrikonsidraw il-pozizzjoni taghhom u li jikkontemplaw rikonciljazzjoni.

Illi ghar-rigward tal-koabitazzjoni, l-istess perit legali sostna li l-attrici diga` telqet mid-dar matrimonjali u sabet rifugju fil-flat ta' huha flimkien ma' binha z-zghir Michael, u biex tiggustifika dan l-attrici pprezentat ittra ufficjali f'Mejju 1998, li kopja informali taghha giet mghoddija lill-Perit Legali u giet mmarkata Dok. “MR-3”. Ghalkemm l-attrici tghid li hija kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba li l-attitudni tal-konvenut kienet ta' detriment ghal sahhitha kemm fizikament kif ukoll mentalment, u li dwar dan hija kienet lesta taghti aktar dettalji 'il quddiem, fil-fatt hija qatt ma elaborat fuq dan id-detriment. Mis-seduti qatt ma rrizulta li l-konvenut xi darba ghamel xi haga li setghet tipperikola s-sahha fizika tal-attrici. Izda l-Perit Legali fehem li minhabba argumenti shan li l-kontendenti spiss kien qed ikollhom, u minhabba l-frustrazzjoni li kienet qed thoss l-attrici bil-kalma tal-konvenut, l-attrici kienet qed issofri psikologikament. F'kontro-ezami li sarilha hija ammettiet li kienet taht kura ta' psikjatra. Il-fatt li l-attrici ghazlet li tghix f'appartament b'kamra tas-sodda wahda flok l-appartament aktar komdu taghhom huwa indikazzjoni li l-attrici kienet tippreferi s-sofferenza fizika mis-sofferenza psikologika. Ghalhekk, sakemm ma tinbidilx l-attitudni tal-kontendenti lejn xulxin, l-Perit Legali dehrlu li huwa necessarju li l-kontendenti ma jibqghux jghixu taht saqaf wiehed.

Illi dwar dan din il-Qorti thoss li l-effett ta’ pronunzjament tal-firda bejn il-konjugi, li ser tigi trattata iktra il-quddiem, huwa li l-obbligu tal-konjugi li jghixu flimkien jispicca *ai termini* tal-**artikolu 35 tal-Kap 16,** u sa certu punt dak li nghad mill-perit legali f’dan ir-rigward huwa rrelevanti, ghaliex hija proprja dik li tfisser qabel kollox il-firda personali, u f’dan il-kuntest it-talba attrici hija zejda.

b. Illi t-tieni talba attrici hija fis-sens li l-Qorti tiddikjara li s-separazzjoni hija unikament imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Dwar dan l-istess perit legali rrileva li ghalkemm ingiebu hafna indizzji ta' relazzjoni li l-konvenut seta' kellu ma' terza persuna, u cioe` Mary Azzopardi, qatt skond huwa ma ngiebet prova skjaccanti li fil-fatt il-konvenut ikkommetta adulterju kif konteplat u rikjest mill-ligi Maltija. Prova li sehh adulterju hija hafna drabi difficli biex iggib peress li din mhix xi haga li normalment

issir fil-pubbliku. Izda mill-banda l-ohra huwa ferm aktar difficli, kwazi impossibbli, li ggib prova definittiva li ma sehhx adulterju. Ghalhekk l-oneru tal-prova ta' l-adulterju kien jaqa' fuq l-attrici, izda dan ma rnexxilhiex taghmlu. Forsi kien ikun aktar ghaqli ghaz-zewg partijiet biex tigi esplorata ahjar il-verita` tal-fatti kieku Mary Azzoppardi ttellghet tixhed. Ghalkemm kienet xhud kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut, din qatt ma ttellghet. Il-perit legali sostna li mill-kompless tal-provi migjuba, ghandu ghax jifhem li l-konvenut verament kellu forma ta' relazzjoni ma' din Mary Azzopardi, u huwa veru li dawn it-tnejn kellhom sentimenti specjali ghal xulxin, izda l-provi migjuba huma ferm 'il boghod mill-konkluzjoni ta' l-adulterju. Ghaldaqstant huwa tal-fehma li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa'.

Illi minn ezami tac-citazzjoni attrici jinghad fl-ewwel lok li din it-talba (b) setghet facilment giet inkorporata mat-talba (c) u b'hekk kienet ukoll tonqos talba ohra. Illi dwar il-kwistjoni ta' adulterju, jidher li mill-provi prodotti dan ma rrizultax *ut sic* u ghalhekk l-attrici ma ssodisfatx l-oneru tal-prova li kien jinkombi lilha, ghalkemm jidher car li certu hbiberija ma' din it-terza persuna kien hemm, u tali hbiberija kienet ir-raguni principali ghaliex dan iz-zwieg sfratta, u ghalhekk il-Qorti taqbel mal-perit legali li din it-talba ghandha tigi michuda.

c. Illi dwar din t-tielet talba fejn l-attrici sostniet li s-separazzjoni kienet imputabbli *'in toto'* lill-konvenut ghal wahda mir-ragunijiet elenkati **f'artikolu 40 tal-Kodici Civili** l-istess perit legali sostna li mkien ma rrizulta li l-konvenut qatt irrenda ruhu hati ta' mohqrija jew ta' theddid fil-konfront ta' martu jew ta' binhom Michael kif allegat l-attrici fic-citazzjoni u huwa ghamel. Rigward ir-ragunijiet l-ohra huwa ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

Illi l-attrici tiddeskrivi l-ewwel 17-il sena ta' zwieg qisha qed tiddeskrivi xi holma sabiha bla ebda problemi ta' xejn. Imbaghad inqalghet il-kwistjoni ta' Mary Azzopardi, u l-fiducja u l-kuntentizza li kellha l-attrici bdew jitmermru sa ma fi zmien sentejn jew sentejn u nofs, dawn spiccaw ghal kollox.

Illi perit legali qal dan dwar il-konvenut:-

*"L-esponenti ghandu ghax jifhem li l-konvenut sincerament habb u forsi ghadu jhobb lil martu l-attrici mhux biss ghall-ewwel 17-il sena izda anke wara. Mill-komportament generali tieghu, il-konvenut wera li huwa verament xtaq li jkun hemm rikonciljazzjoni, izda huwa wera li ma gharafx jimxi b'mod ghaqli biex jirbah lura dak li kien qed jitlef. L-esponent ghandu ghax jifhem li l-konvenut wasal fiex wasal htija ta' Mary Azzopardi, li bhal ma kkummentat ix-xhud Mary Muscat Cristina, malli l-konvenut idawwar wiccu jsibha ma' wiccu. Jidher li l-karattru taghha seta' kien kompatibbli ma' tieghu aktar minn tal-Leaders l-ohra, u kienet turih aktar interess f'dak kollu li huwa kien ihobb jaghmel. Qatt ma gie spjegat kif din Mary Azzopardi dahlet ukoll fis-socjeta Arkeologika, izda jidher li din kienet tkun l-aktar attiva f'dawk l-attivitajiet li jkun involut fihom il-konvenut".*

*"Illi jidher li l-konvenut ma felahx jirrezisti dan l-avvanz ta' Mary Azzopardi, u ghalkemm huwa ferm possibbli li huwa qatt ma kkommetta adulterju, huwa ceda ghall-avvanzi l-ohra taghha: kien itiha l-lifts, imur jixtri maghha, jorganizza attivitajiet maghha (minkejja li kienet ghadha Leader gdida), joqghod hdejha ghal hinijiet twal waqt l-attivitajiet u ohrajn. L-esponent ghandu ghax jifhem li l-konvenut ma kkommettiex adulterju ghaliex f'certu sens huwa kien igib ruhu b'mod innocenti. Biex jikkommetti adulterju ma kellux bzonn jidher f'ghajn kulhadd li huwa kien qed ikun maghha: huwa seta' ghamel dan u meta jkun quddiem l-ohrajn izomm id-distanza. L-esponent jikkonkludi li fil-waqt li mhux maghruf x'tip ta' gibda kellha din Mary Azzopardi lejn il-konvenut, il-konvenut jidher li kellu gibda lejn din Mary Azzopardi, liema gibda setghet kienet platonika biss. Kieku ma kienx hekk, ma kienx ikollu ghalxiex jittrattaha differentement mill-Leaders l-ohra, u kieku ma kienx hekk kien jghidilha li biex ma jkollux problemi aktar mal-mara kien jehtieglu li ma jtihiex aktar lifts".*

*"Illi ghalhekk l-esponent hu tal-fehma li anke jekk l-attrici ma kenitx gustifikata tikkonkludi li zewgha kien qed jikkommetti adulterju, ir-rabja u l-frustrazzjoni li kienet qed thoss ghal zewgha li kien qed jaghti bicca minnu nnifsu lil mara ohra*

*kienet gustifikata. Persuna li tkun thobb u tafda lill-kompann taghha fiz-zwieg, tistenna li l-kompann ihobbha, kif nghidu* <u>*b'ruhu*</u> *u b'gismu. Mela mhux biz-zejjed li r-ragel igib provi li mhux qed ikollu x'jaqsam sesswalment ma' mara ohra, izda jrid juri lill-mara li l-imhabba li huwa ghandu ghaliha hija totali u mhux imxellfa. L-esponent jidhirlu li l-konvenut mhux talli m'ghamilx dan, talli ftit jidher li ha passi biex jikkonvinci lil martu fuq dan. Huwa jghid li meta martu ddahhal xi haga f'rasha hadd ma jnehhijielha. Biex fi 17-il sena martu qatt ma dahhlet flieles ohra f'rasha, bil-fors li dawk is-suspetti taghha kienu gustifikati. Ghalhekk kien jispetta lill-konvenut li jifhem is-sentimenti ta' martu u li jipprova jirbah lura l-fiducja taghha billi jaghmel dak li hi kienet tixtieq minnu. Mela jekk hi kienet tixtieq li huwa jaqta' kompletament il-kuntatti ma' Mary Azzopardi, il-konvenut xejn ma kien gustifikat li jerga' jiltaqa' ma' din il-persuna, anke jekk ghal skop totalment innocenti".*

*"Illi fis-sentejn ta' wara, il-problemi pprecipitaw forsi bi htija ta' l-attrici wkoll, li tidher li, kuntrarju ghal zewgha li hu kalm, hija tbati bin-nervi. Apparti li tpejjep, tammetti li kien hemm okkazjoni fejn qabel ma lehaq taha risposta ghal mistoqsija li ghamlitlu hija qabdet u telqet f'kamra ohra. Tammetti li meta jkollhom argument tispicca twerzaq, u tammetti li prezentament qed tikkonsulta psikjatra. L-attrici setghet tindaga ahjar dwar il-komportament ta' zewgha ma' din it-terza persuna, u jekk riedet issalva z-zwieg, hi ukoll setghet taghzel li terga' tibda tattendi l-attivitajiet li kien jattendi ghalihom zewgha. Meta kienet tghidlu li ser tigi mieghu, ma jirrizultax li huwa qatt qalilha 'le'".*

Illi ghaldaqstant l-istess perit legali kkonkuda hekk:-

*"L-esponent hu tal-fehma li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment mhux minhabba inkompatibilita` ta' karattru, stante li dawn il-karattri damu kompatibbli 17-il sena, izda minhabba incidenti li ta bidu ghalihom il-konvenut. Il-konvenut, flok gharaf l-izball tieghu u talab mahfra, baqa' dejjem jinsisti li ma kien qed jaghmel xejn hazin, u dan urta lill-attrici li f'temp ta' sentejn zarmat dak kollu li kienet bdiet tibni sa mill-gherusija. Ghalhekk il-kawza ta' din is-separazzjoni hija fil-fehma ta' l-esponent l-ingurji*

*morali principalment da parti tal-konvenut, izda wkoll da parti ta' l-attrici, li minn naha taghha ghalqet widnejha ghal kull dikjarazzjoni ta' zewgha li xtaq jirrikoncilja u li kien ghadu jhobbha".*

Illi din il-Qorti thoss li dan fuq relattat mill-perit legali ma huwiex korrett u dan peress li mill-provi prodotti, li huma estensivi w elaborati jidher car li dak li ta bidu ghall-inkwiet f'din il-familja kienet ir-relazzjoni li l-istess konvenut kellu ma' din il-persuna, ghaliex ghalkemm l-adulterju *ut sic* ma giex ippruvat xorta wahda jidher car li kien hemm relazzjoni bejn l-istess konvenut u din il-mara, haga li wegghat sew lill-attrici. Bl-attitudini tieghu, l-konvenut, li minflok waqqaf din ir-relazzjoni, huwa kompla bl-istess u mhux biss, izda fl-istess hin baqa' jinnega ma martu, din holqot tensjoni serja u kbira fl-attrici, li ma setghatx taccetta dan il-fatt, fih innifsu zbaljat tal-konvenut, u wisq inqas l-attitudini tieghu, li ried igiddeb dak li kienet qed tara b'ghajnejha, u dan fih innifsu jammonta ghall-eccessi u mohqrija prattikata mill-konvenut fuq l-attrici, u ghalhekk din it-talba ghandha tintlaqa' fuq din il-bazi.

Illi dwar dak li l-perit legali kkumenta fuq l-attitudini tal-attrici, din il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-perit legali, *stante* li ovvjament mara li kienet dejjem fidila lejn zewgha, li tigi rinfaccjata b'tali sitwazzjoni, din tkissrilha s-serenita` kollha taghha, ghaliex gabet tibdil serju bil-mod li l-attrici kienet thares lejn zewgha, w il-fatt li hija kellha tirrikorri ghall-ghajnuna anke medika, ma ghandhiex tittiehed bhala tort imputabbli lilha; u il-fatt li hija ghandha karattru li jidher li huwa nervuz, lanqas ghandu jigi attribwiet bhala tort lilha, u dan iktar u iktar meta tikkonsidra l-fatt li kien l-attaggament tal-konvenut u xejn izjed li wassal ghal tali pressjoni kontinwa fuq l-istess attrici.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba eccessi u mohqrija prattikati minnu ghad-dannu tal-attrici *ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Kap 16.**

d. Ir-raba' talba hija biex il-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali li ggib l-indirizz Margherita Appartament 1,

Triq Censu Busuttil, Fgura PLA 15. Din it-talba ma ghandhiex tigi miqlugha anke peress li attrici qatt ma allegat li zewgha kien ta' periklu fiziku ghaliha, u ghalhekk, strettament zewgha la qatt kecciha mid-dar, u anqas ha passi biex martu thossha minaccjata. L-unika raguni li ghaliha l-attrici tidher li telqet mid-dar matrimonjali kien li ma felhitx tara aktar lil zewgha.

Illi l-istess perit legali kompla li:-

*"B'daqshekk l-esponent ma jridx jifhem li l-kontendenti ghandhom jigu mgieghela jghixu flimkien, izda fic-cirkostanzi jidhirlu li l-konvenut m'ghandux jigi mgieghel johrog mid-dar konjugali. Il-konvenut qatt ma talab li l-attrici tigi ordnata tallontana ruhha mid-dar konjugali, u ghalhekk l-anqas dan m'ghandu jigi ordnat. Ghaldaqstant, l-esponent hu tal-fehma li din ir-raba' talba m'ghandhiex tintlaqa', izda mbaghad fil-kalkolazzjoni tal-manteniment, l-attrici ghandha tigi kkompensata ghall-kera li hija tkun kostretta thallas jekk hija ssib tikri".*

Illi din il-Qorti wkoll ma taqbilx ma dan ir-ragunament *stante* li dak li hemm fil-Kodici provdut dwar id-dar konjugali huwa dak indikat fl-**artikolu 55A tal-Kap 16,** fejn jekk mitluba, l-Qorti tista' tordna li xi parti ghandha tghix fid-dar konjugali. Din ma hijiex talba sempliciment ghal tali residenza fid-dar konjugali izda ghall-assenjazzjoni tal-istess dar konjugali lill-attrici, u ghalhekk ma hijiex koncepibbli fil-ligi nostrali; din il-Qorti lanqas thoss li din it-talba ghandha tigi kkunsidrata taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 54 (6)** *stante* li l-provvedimenti dwar il-manteniment f'dan il-kaz huma cari u ma hemmx il-lok ghall-applikazzjoni ta' dan is-subartiku. Ghalhekk din it-talba ghandha tigi wkoll michuda.

e. Illi rigwardanti t-talba ghall-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici, l-perit legali sostna s-segwenti:-

*"l-esponent jirrileva li l-partijiet ressqu x-xhieda taghhom principalment quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, li b'Digriet tat-30 ta' Marzu 2000 iddecidiet li l-manteniment ghall-attrici u bin il-kontendenti Michael kellu joghla minn Lm50 kull wiehed kull hmistax ghal Lm 60 kull wiehed kull*

*hmistax (Dok. "MR-2"). Fil-kawza odjerna ftit li xejn ingiebu provi dwar il-qliegh ta' l-attur, u ma rrizultax li l-attrici ghandha xi qliegh ghajr ic-children's allowance ghal binhom Michael. Il-partijiet kienu qablu f'seduta numru 16 li l-provi li ngabru fl-atti ta' dak ir-rikors jitqiesu bhal li kieku ingiebu f'din il-kawza".*

Illi huwa kkonkluda b'dan il-mod:-

*"Illi fl-ewwel lok din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li minhabba t-trepass taz-zmien, il-manteniment tal-konvenuta kellu jigi awmentat minn Lm50 ghal Lm60 kull hmistax. Gialadaraba gie stabbilit li s-separazzjoni hija principalment htija ta' l-attur, ghandu jigi konfermat li l-attrici hija ntitolata ghall-manteniment minn ghand il-konvenut. Fil-fehma umli ta' l-esponent, it-trepass taz-zmien ghad ikun ta' zvantagg ghall-konvenuta peress li r-rata alimentarja tibqa' fissa sakemm ma jkunx hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi. Ghalhekk l-esponent jidhirlu li l-manteniment ta' l-attrici ghandu joghla ghal Lm70 kull hmistax, liema somma tithallas direttament mill-employer tal-konvenut lill-attrici sa ma l-konvenut jirtira mix-xoghol biz-zmien. Gialadarba l-konvenut jirtira mix-xoghol, il-penzjoni li huwa jippercepixxi ghandha tinqasam f'zewg kwoti indaqs, wahda ghall-attrici u l-ohra ghall-konvenut. Is-somma li l-konvenut ghandu jircievi meta jispicca l-impieg ghandu jippercepiha kollha hu. Mill-banda l-ohra l-manteniment ghandu jispicca kemm-il darba l-attrici tibda tahdem b'paga mhux inqas minn dik minima nazzjonali, jew jekk hi tibda tippercepixxi xi penzjoni oghola mill-manteniment lilha akkordat, sew jekk minhabba z-zmien li hija kienet hadmet, u sew jekk ghal kwalunkwe raguni ohra".*

*"Illi oltre dan, l-esponent huwa tal-fehma li gialadarba l-konvenut izomm id-dar matrimonjali ghalih, huwa jkun tenut ihallas lill-attrici kumpens jew manteniment ulterjuri ta' Lm60 fix-xahar, u dan biex jghin lill-attrici kemm-il darba din jirnexxiela ssib residenza alternattiva. Madankollu dan il-kumpens jew manteniment ulterjuri ma jkunx dovut aktar kemm-il darba l-attrici tibda tabita fid-dar matrimonjali, jew jekk id-dar matrimonjali tinbiegh mill-kontendenti".*

*"Illi finalment, rigward il-manteniment ta' l-iben minuri Michael, dan ghandu jibqa' ta' Lm60 kull hmistax sa ma fi ftit granet ohra dan Michael isir maggorenni. L-obbligu legali tal-manteniment ta' dan l-iben jispicca, izda naturalment huwa rakkomandat li z-zewg genituri jibqghu jghinuh bl-aktar mod ampju, anke finanzjarjament, sa ma dan isib impieg fiss."*

Illi din il-Qorti wkoll ma taqbilx ma' dawn il-konkluzjonijiet peritali totalment u dan peress li fl-ewwel lok jidher li llum l-iben Michael imsemmi ghandu iktar minn 18-il sena ghaliex twieled fit-2 ta' Lulju 1983 (fol.9) u bhala tali l-attrici ma ghadhiex tirraprezentah.

Illi dwar il-manteniment tal-konvenut lill-attrici jirrizulta li dan ghandu jibqa' obbligu tal-istess konvenut b'dan li filwaqt li fid-Digriet *pendente lite* dan kien ta' hamsin lira Maltija (Lm50) kull hmistax, ibbazat fuq l-istess introjtu tal-konvenut, awmentat skond iz-zmien dan ghandu jigi awmentat ghall-ammont ta' tmenin lira Maltija (Lm80) kull hmistax, u dan abbazi tar-rizultanzi tal-introjtu tal-konvenut skond ix-xhieda ta' Alfred Mifsud, *Pay Office Manager tal-Malta Drydocks,* (liema introjtu gie certament awmentat mis-sena 1998 sallum) liema ammont ghandu jithallas b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull hmistax bil-quddiem, u dan billi tali ammont ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, Malta Drydocks, u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha, u ghal dak l-iskop tordna li kopja legali tas-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-*employer* attwali tal-konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu mal-istess ordni hawn moghtija.

Illi fl-eventwalita` li l-istess impjieg jigi terminat u/jew jirtira mill-istess xoghol u l-konvenut jkun intitolat ghal xi somma inkluz *service bonus,* din ghandha tigi percepita nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u mill-pagamenti tal-pensjoni li jkunu dovuti lill-konvenut, l-attrici ghandha tippercepixxi hamsa u tlettin (35%) fil-mija mill-istess, u ghal dan l-iskop tordna wkoll li l-istess pagamenti eventwalment dovuti lill-attrici ghandhom jitnaqqsu direttament *at source* mill-*employer* u

mill-Awtorita` li tohrog tali pagamenti, u jinbaghatu direttament lill-attrici fir-residenza taghha.

f. Illi dwar it-talba ghall-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri Michael, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess *stante* li l-minuri ndikat fic-citazzjoni attrici llum sar maggorenni.

g. Illi dwar it-talba sabiex jigi applikat l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fil-konfront tal-konvenut, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tapplika biss kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 (a) (b) u (d)** u xejn izjed, *stante* li fuq kollox kien il-konvenut ir-raguni unika li tat lok ghal din is-separazzjoni odjerna.

h. Illi din it-tmien talba hija nkorportata f'dak li gie deciz in konnessjoni mat-talba numru (g) tac-citazzjoni attrici u dan b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** gja citat.

i. Illi din it-talba gja giet inkorporata fid-decizjonijiet tal-Qorti dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu 48** u dan fil-kaz odjern necessarjament sar bl-applikazjoni tal-**artikoli 51, 52, u 53 tal-Kap 16.**

j. Illi din it-talba ghall-applikazzjoni tal-**artikolu 54** hija wkoll inutili ghaliex fl-ewwel lok il-manteniment tal-attrici gja gie kkunsidrat taht id-disposizzjonijiet tat-talba (e) tac-citazzjoni attrici, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemmx lok li jigu applikati f'dan il-kaz id-disposizzjoni tal-**artikolu 54 (3) (4) (5) (6) u (7)** tal-istess**.**

k. Illi din it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi milqugha b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi provi dwar il-konsistenza tal-istess komunjoni ftit ingabu pero` jirrizulta zgur li l-istess tikkonsisti principarjament fid-dar konjugali Margherita, Apartment Numru wiehed (1), Triq Censu Busuttil Street, Fgura, u l-mobbli li hemm fl-istess dar, u xi dejn mal-Lohombus Corporation li lanqas gie kwantifikat u wkoll karozza; provi konkreti dwar proprjeta'

ohra ma ingabux, u lanqas saret nota ta’ osservazzjonijiet mill-partijiet sabiex jindikaw kif qed jippretendu rispettivament li ssir il-qasma abbazi tal-provi prodotti.

Illi fid-dawl ta’ dan jinghad li saret allegazzjoni li xi oggetti fid-dar inxtraw mill-attrici minn flus li kienet wirtet minghand ommha u ghalkemm l-istess strettament jaqghu fil-komunjoni tal-akkwisti l-istess attrici ghandha tigi assenjata l-istess mobbli hemm elenkati fil-lista Dok. “MRCC” a fol. 40, anke ghaliex dan ma giex kontestat, hlief li l-oggetti li twahhlu mal-istess fond, u biex jittiehdu ssirilhom hsara, ovvjament jaccedu mal-istess immobbli. Minbarra dan l-istess attrici ghandha tithallas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar konjugali, li ser jigi orndat iktar il-quddiem, is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) bhala kreditu taghha parafernali fuq il-komunjoni tal-akkwisti naxxenti mill-fatt li gew utilizzati flus parafernali taghha (wirt minghand ommha – wkoll mhux kontestat) sabiex saru miljoramenti fl-istess dar li ma jistghux jinqalghu. Illi l-konvenut ghandu jigi assenjat il-karozza msemmija fl-atti processwali.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta tal-istess dar konjugali, b’dan li mir-rikavat tal-istess bejgh jithallas l-ewwel id-dejn li hemm gravanti fuq l-istess fond mal-Bank, u l-attrici tithallas is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) kif premess bhala kreditu parafernali taghha fuq l-istess komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-bilanc mill-istess rikavat ghandu jinqassam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

l. Illi din it-talba ghandha tigi michuda *stante* li mhux il-kaz li din tigi applikata.

m. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

n. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

o. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

p. Illi din it-talba qed tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 62** b'dan li b'effett mid-data tas-sentenza l-istess attrici ghandha tirriverti ghall-kunjomha ta' xebba "Rizzo".

q. Illi din it-talba ghandha tigi michuda *stante* li hija nutili.

## III. KONKLUZJONIJIET.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan inkwantu biss l-istess huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad t-talbiet indikati bl-ittri (b), (d) (f) (h) (i) (j) (l) (m) (n) (o) (q), tilqa' t-talbiet indikati bl-ittri (a) (c) (e) (g) (k) u (p) biss fis-sens hawn deciz** b'dan:-

a. Illi din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba sabiex il-kontendenti konjugi Cilia jigu ddikjarati mifrudin personalment permezz ta' din is-sentenza u li b'hekk jintemm bejniethom, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu li jghixu flimkien, u dan abbazi ta' l-**artikolu 35 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

b. Illi tichad din it-talba sabiex il-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Cilia tigi unikament imputabbli lill-konvenut Joseph Lawrence Cilia u dan minhabba l-adulterju *da parti* tieghu fid-dawl ta' l-**artikolu 38 ta' Kodici Civili**;

c. Illi tilqa' din it-talba biss fis-sens li jigi ddikjarat li l-konvenut huwa responsabbli ghal din id-dikjarazzjoni ta' firda personali minhabba eccessi u mohqirija kommessi minnhu fil-konfront tal-attrici u dan ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 40 tal-Kodici Civili,** kif fuq premess.

d. Illi tichad din it-talba *stante* li hija legalment insostenibbli u fi kwalunkwe kaz mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

e. Illi tilqa' din it-talba limitatament ghall-manteniment li ghandu jigi versat mill-konvenut lill-attrici *stante* li jirrizulta

ghall-kumplament li l-minuri ndikat fl-azzjoni attrici llum sar maggorenni, u kwantu ghall-manteniment tal-attrici mill-konvenut dan qed jigi ffissat fl-ammont ta' tmenin lira Maltija (Lm80) kull hmistax, liema ammont ghandu jithallas b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull hmistax bil-quddiem, u dan billi tali ammont ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu Malta Drydocks, u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha, u ghal dak l-iskop tordna li kopja legali tas-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-*employer* attwali tal-konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu mal-istess ordni hawn moghtija.

Illi fl-eventwalita` li l-istess impjieg jigi terminat u/jew jirtira mill-istess xoghol u l-konvenut jkun intitolat ghal xi somma inkluz *service bonus,* din ghandha tigi percepita nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u mill-pagamenti tal-pensjoni li jkunu dovuti lill-konvenut, l-attrici ghandha tippercepixxi hamsa u tlettin (35%) fil-mija mill-istess, u ghal dan l-iskop tordna wkoll li l-istess pagamenti eventwalment dovuti lill-attrici ghandhom jitnaqqsu direttament *at source* mill-*employer* u mill-Awtorita` li tohrog tali pagamenti, u jinbaghatu direttament lill-attrici fir-residenza taghha u din il-Qorti tordna wkoll in-notifika relattiva tal-istess sentenza lill-istess Malta Drydocks u/jew Awtorita` relattivi, a spejjez tal-istess attrici.

f. Illi tichad din it-talba *stante* li l-minuri ndikat fic-citazzjoni attrici llum sar maggorenni.

g. Illi dwar it-talba sabiex jigi applikat l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fil-konfront tal-konvenut, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tapplika biss kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 (a) (b) u (d)** u xejn izjed, *stante* li fuq kollox kien il-konvenut ir-raguni unika li tat lok ghal din is-separazzjoni odjerna.

h. Illi din it-tmien talba hija inkorporata f'dak li gie deciz in konnessjoni mat-talba numru (g) tac-citazzjoni attrici u dan b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** gja citat.

i. Illi din it-talba gja giet inkorporata fid-decizjonijiet tal-Qorti dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu 48** u dan fil-kaz odjern necessarjament sar bl-applikazjoni tal-**artikoli 51, 52, u 53 tal-Kap 16.**

j. Illi din it-talba ghall-applikazzjoni tal-**artikolu 54** hija wkoll inutili ghaliex fl-ewwel lok il-manteniment tal-attrici gja gie kkunsidrat taht id-disposizzjonijiet tat-talba (e) tac-citazzjoni attrici, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemmx lok li jigu applikati f'dan il-kaz id-disposizzjoni tal-**artikolu 54 (3) (4) (5) (6) u (7)** tal-istess**.**

k. Illi din it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi milqugha b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi tiddikjara li abbazi tal-provi prodotti dwar l-istess komunjoni, l-istess tikkonsisti principarjament fid-dar konjugali Margherita, Appartment Numru wiehed (1), Triq Censu Busuttil Street, Fgura, u l-mobbli li hemm fl-istess dar, u xi dejn mal-Lohombus Corporation li lanqas gie kwantifikat u wkoll karozza.

Illi in virtu ta' dak fuq premess il-Qorti tordna li l-istess attrici ghandha tigi assenjata l-mobbli elenkati fil-lista Dok. "MRCC" a fol. 40, hlief li l-oggetti li twahhlu mal-istess fond, u li biex jittiehdu ssirilhom hsara, ovvjament jaccedu mal-istess immobbli. Minbarra dan l-istess attrici ghandha tithallas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar konjugali, li ser jigi ordnat iktar il-quddiem, is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala kreditu taghha parafernali fuq il-komunjoni tal-akkwisti naxxenti mill-fatt li gew utilizzati flus parafernali taghha (wirt minghand ommha – wkoll mhux kontestat) sabiex saru miljoramenti fl-istess dar li ma jistghux jinqalghu. Illi il-konvenut ghandu jigi assenjat il-karozza msemmija fl-atti processwali.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta tal-istess dar konjugali, b'dan li mir-rikavat tal-istess bejgh jithallas l-ewwel id-dejn li hemm gravanti fuq l-istess fond mal-Bank, u l-attrici tithallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) kif premess bhala kreditu parafernali taghha fuq l-istess

komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-bilanc mill-istess rikavat ghandu jinqassam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

l. Illi din it-talba ghandha tigi michuda *stante* li mhux il-kaz li din tigi applikata.

m. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

n. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

o. Illi din it-talba hija wkoll michuda *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

p. Illi din it-talba qed tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 62** b'dan li b'effett mid-data tas-sentenza l-istess attrici ghandha tirriverti ghall-kunjomha ta' xebba "Rizzo".

q. Illi din it-talba ghandha tigi michuda *stante* li hija nutili.

Illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut, hlief ghat-talbiet hawn kollha michuda li ghandhom jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------